IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 25.1.2006
COM(2006) 19 finali

# KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Il-Programm Tematiku "Il-Partijiet mhux statali u l-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp"

MT MT

# WERREJ


1. Daħla ... 3
2. Il-Kuntest ... 3
2.1. L-analiżi tat-tema ... 3
2.2. Il-qafas stabbilit ta' politika ... 5
2.3. Esperjenza tal-passat/lezzjonijiet li nkisbu ... 6
2.4. Il-bażi razzjonali għal strateġija tematika ... 6
3. Il-programm tematiku ... 8
3.1. Il-firxa ... 8
3.1.1. Il-partijiet eliġibbli ... 8
3.1.2. It-tipi eliġibbli ta' interventi ... 8
3.1.3. Il-kopertura ġeografika ... 9
3.2. Il-Prinċipji ta' programmar ... 9
3.3. L-Għanijiet ... 10
3.4. Il-Prijoritajiet ... 11
L-ANNESS – Taqsira ta' l-esperjenza tal-passat ... 12

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Programm Tematiku "Il-Partijiet mhux statali u l-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp"**

# 1. DAĦLA

Sabiex tirrazzjonalizza u tissimplifika l-qafas leġiżlattiv attwali li jirregola l-azzjonijiet esterni tal-Komunità, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet sett ġdid ta' sitt strumenti taħt il-Perspettivi Finanzjarji 2007 sa 2013. Tliet strumenti (għall-għajnuna umanitarja, l-istabilità u l-għajnuna makrofinanzjarja) huma ta' natura orizzontali sabiex jirreaġixxu għal ħtiġijiet u ċirkostanzi partikolari. Tliet strumenti (għajnuna ta' qabel l-adeżjoni; appoġġ għall-viċinat Ewropew u l-politika tal-partenarjat (ENPI) u l-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp/ekonomika (DCECI) huma mfassla sabiex jimplimetaw politiki partikolari u jkopru żoni ġeografiċi speċifiċi. Fil-ġejjieni, dawn l-istrumenti se jiffurmaw il-bażi legali għan-nefqa tal-Komunità fuq il-programmi tal-kooperazzjoni esterna inklużi programmi tematiċi adattati u se jieħdu post ir-regolamenti tematiċi eżistenti.

Taħt dawn il-proposti, il-programmi tematiċi jipprovdu valur miżjud distint u jikkomplementaw il-programmi ġeografiċi, li jibqgħu il-qafas primarju għall-kooperazzjoni tal-Komunità mal-pajjiżi terzi[1].

Il-Kummissjoni ntrabtet li żżomm diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar il-firxa, l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' kull programm tematiku dwar il-bażi ta' komunikazzjonijiet formali liż-żewġ istituzzjonijiet. Ir-riżultat ta' dan il-proċess se jipprovdi l-orjentazzjonijiet ta' politika għall-ipprogrammar sussegwenti, notevolment id-dokumenti ta' strateġija tematika li jridu jitfasslu skond l-istrumenti ta' hawn fuq.

Il-Kummissjoni żammet konsultazzjoni pubblika fid-dettall sabiex tiżgura l-involviment ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati għad-definizzjoni tal-fatturi ewlenin tal-programm. Il-programm huwa bbażat fuq ir-riżultat ta' din il-konsultazzjoni (ara l-websajt tad-*DG Dev Europa* għal rapport sħiħ fuq il-konsultazzjoni pubblika).

# 2. IL-KUNTEST

## 2.1. L-analiżi tat-tema

Is-sjieda u l-parteċipazzjoni tal-prinċipji tal-qalba tal-politika ta' l-Iżvilupp ta' l-UE kif iddikjarati fil-"Konsensus Ewropew fuq l-Iżvilupp"[2]. Sabiex tapplika dawn il-prinċipji

---

[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "Azzjonijiet Esterni permezz ta' Programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013" - COM(2005) 324, TAT-3.8.2005.

[2] Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, id-dokument Nru 14820/05, tat-22 ta' Novembru 2005.

b'mod effettiv, il-Kummissjoni għandha rwol importanti x'tieħu fl-iffaċilitar u l-promozzjoni tad-djalogu bejn il-partijiet ta' l-istat u dawk li mhumiex ta' l-istat dwar il-prijoritajiet u l-istrateġiji ta' l-iżvilupp fil-pajjiżi msieħba.

F'dan il-kuntest huwa kruċjali l-appoġġ għall-proċessi ta' kapaċità ta' l-iżvilupp fi ħdan il-pajjiż innifsu fid-dimensjonijiet kollha tagħhom u fil-livelli differenti. Il-gvernijiet imsieħba qegħdin juru impenn li qed jikber għall-promozzjoni ta' strateġiji parteċipatorji. Qegħdin jinvolvu dejjem aktar is-soċjetajiet ċivili tagħhom kemm fit-tħejjija kif ukoll fl-iżvilupp ta' l-istrateġiji ta' l-iżvilupp u qegħdin jiffaċilitaw dejjem aktar l-aċċess li għandhom għall-fondi. Minkejja dan, f'ċerti każijiet, jew il-kuntest tal-pajjiż inkella l-attitudni tal-gvern ċentrali trendi l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati bħala waħda li hija biss parzjali, jew limitata ħafna jew inkella, f'sitwazzjonijiet estremi, saħansitra impossibbli.

Dan il-programm huwa maħsub li jkun is-suċċessur kemm tal-kofinanzjament ta' l-NGO kif ukoll tal-programmi ta' kooperazzjoni deċentralizzata. Huwa "orjentat lejn il-partijiet" milli "orjentat lejn il-qasam". Se jappoġġja "d-dritt ta' l-inizjattiva" tal-partijiet interessati, billi jipprovdi r-riżorsi finanzjarji għal "inizjattivi proprji", meta l-programmi ġeografiċi mhumiex l-istrument adattat. Se jikkomplementa l-appoġġ li programmi temetiċi "settorjali" oħra jistgħu jipprovdu lill-istess partijiet, b'mod partikolari l-programm dwar id-Demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

Il-Komunikazzjoni tipprovdi orjentazzjonijiet ta' politika għal programm li huwa orjentat lejn il-partijiet li għandu jkun adattat għal ġestjoni, sussidjarju tal-programmi ġeografiċi u komplementarji għall-programmi tematiċi l-oħra. Dawn l-orjentazzjonijiet jiddifferenzjaw bejn il-partijiet, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-valur rispettiv tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-firxa tal-programm u l-karatteristiċi, il-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet rispettivi tal-partijiet (kapaċitajiet, potenzjal, żoni speċifiċi ta' l-interess, riżorsi finanzjarji) sabiex jistabbilixxu l-aqwa mod kif jinvolvuhom fil-politika ta' l-iżvilupp tal-KE. L-istrateġija orjentata lejn il-partijiet tagħraf l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala l-partijiet tal-qofol tal-forniment ta' l-għajnuna bħala partijiet importanti assoċjati mal-proċess tat-tfassil tal-politika. Għalhekk, dan il-programm se jippermetti s-soċjetà ċivili sabiex teżerċita d-dritt proprju tagħha ta' inizjattiva sabiex tiżviluppa strateġiji innovattivi u sabiex tagħti dinamika speċifika lill-proċess.

Il-valur miżjud tal-partijiet li mhumiex statali jinsab fl-indipendenza tagħhom mill-istat, fil-prossimità tagħhom ta' kostitwenzi definiti u fil-fehma tagħhom ta' dawn il-kostitwenzi kif ukoll fil-kapaċità tagħhom li jartikolaw l-interessi speċifiċi tagħhom, fl-għarfien u l-esperjenza li jġibu u fil-kapaċità tagħhom li jimlew id-'distakk' kritiku bejn l-għanijiet strateġiċi u r-realizzazzjoni prattika tagħhom.

Kontributi speċifiċi minn tipi differenti ta' organizzazzjonijiet jistgħu jkunu enfasizzati fost il-partijiet li mhumiex statali. L-NGOs iwasslu l-ilħna taċ-ċittadini u l-ilħna ta' dawk li jiffurmaw il-bażi, fid-dibattiti ta' politika u jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-attivitajiet ta' l-iżvilupp. L-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem għandhom rwol kruċjali xi jwettqu fil-promozzjoni tad-djalogu soċjali u għalhekk jikkontribwixxu għal xogħol diċenti għal kulħadd u għal tkabbir b'mod xieraq. Il-pedamenti indipendenti ta' politika jistgħu jikkontribwixxu fit-trawwim tal-prinċipji demokratiċi u tal-kollegamenti bejn iċ-ċittadini u r-rappreżentanti politiċi. L-

universitajiet jitgħu jsaħħu l-ħiliet analitiċi u l-kapaċitajiet ta' riċerka tas-soċjetà ċivili, kif ukoll it-tiswir ta' kuntatti Tramuntana-Nofsinhar u Nofsinhar-Nofsinhar.

L-awtoritajiet lokali għandhom preferibbilment ikunu appoġġjati fil-qafas tal-programmi ġeografiċi permezz ta' proċess deċentralizzanti. Minkejja dan, huma ħafna eqreb lejn iċ-ċittadini minn istituzzjonijiet oħra pubbliċi u jistgħu jiffaċilitaw l-involviment immedjat taċ-ċittadini fil-proċess ta' l-iżvilupp, jiffaċilitaw l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-istat u jibnu pontijiet bejn l-UE u ċ-ċittadini tal-pajjiżi msieħba.

L-elementi ewlenin ta' din il-proposta jistgħu jiġu deskritti fil-qosor hekk kif ġej:

– L-organizzazzjonijiet ċivili u l-awtoritajiet lokali kollha, mill-UE u l-pajjiżi msieħba, huma, fil-prinċipju, eliġibbli għall-għoti ta' fondi taħt dan il-programm tematiku.

– Il-biċċa l-kbira ta' l-allokazzjonijiet finanzjarji se jkunu allokati lil interventi ta' appoġġ fil-qasam imwettqa fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Minkejja dan, il-programm se jagħti wkool attenzjoni adattata lil interventi li jippromwovu l-ħolqien ta' l-għarfien u l-edukazzjoni għall-iżvilupp. L-attivitajiet li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni bejn in-netwerks tal-partijiet interessati se jkunu eliġibbli wkoll għall-għoti ta' fondi.

– It-tipi differenti ta' l-interventi se jkunu implimentati fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw koperti mid-DCECI u fil-pajjiżi kollha koperti mill-ENPI.

– L-Istati Membri ta' l-UE u tal-pajjiżi li jinsabu fi triqithom lejn is-sħubija huma eliġibbli għall-ħolqien ta' l-għarfien għall-interventi ta' l-iżvilupp u għall-koordinazzjoni ta' bejn in-netwerks tal-partijiet interessati ta' l-UE.

– Se jiġu stipulati prijoritajiet speċifiċi għall-azzjoni u aktar dettall dwar il-firxa speċifika tal-programm, f'dokument multiannwali ta' l-ipprogrammar (dokument ta' l-istrateġija tematika).

## 2.2. Il-qafas stabbilit ta' politika

Li jiġu involuti partijiet li mhumiex statali u awtoritajiet lokali fil-proċess ta' l-iżvilupp, inkluż permezz tad-djalogu u ta' l-appoġġ finanzjarju, huwa prinċipju stabbilit sewwa fil-politika ta' l-iżvilupp tal-KE, rifless f'numru ta' dokumenti ta' politika tal-Kummissjoni u fil-konklużjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet u l-opinjonijiet ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE[3].

> *"Il-Konsensus Ewropew fuq l-Iżvilupp"*
>
> "L-UE tappoġġja l-parteċipazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati kollha fl-iżvilupp tal-pajjiżi u tħeġġeġ lill-partijiet kollha tas-soċjetà sabiex jipparteċipaw. Is-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba ekonomiċi u soċjali bħalma huma t-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u s-settur privat, l-NGOs u partijiet oħra li mhumiex statali b'mod

3 "Il-Konsensus Ewropew fuq l-Iżvilupp" (Il-Kunsill ta' l-UE – 14820/05, 22.11.2005); "Parteċipazzjoni tal-Partijiet mhux Statali fil-Politika ta' l-Iżvilupp tal-KE" - COM(2002) 598, 7.11.2002; Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2003, reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-4 ta' Settembru 2003, l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Lulju 2003.

partikolari jagħmlu rwol vitali bħala mezzi ta' promozzjoni tad-demokrazija, il-ġustizzja soċjali u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE se saħħaħ l-appoġġ tagħha għall-bini tal-kapaċità ta' partijiet li mhumiex statali sabiex issaħħilhom leħinhom fil-proċess ta' l-iżvilupp u sabiex tmexxi 'l quddiem id-djalogu politiku, soċjali u ekonomiku. Se jingħaraf ukoll ir-rwol importanti tas-soċjetà ċivili Ewropea; għal dan il-għan, l-UE se tagħti attenzjoni partikolari lill-edukazzjoni ta' l-iżvilupp u l-qawmien ta' l-għarfien fost iċ-ċittadini ta' l-UE."

Din l-istrateġija hija wkoll riflessa fil-ftehimiet ta' partenarjat u kooperazzjoni. Id-dimensjoni ta' "partenarjat" tal-kooperazzjoni ta' bejn il-PAK u l-KE ffaċilitat l-emerġenza, il-konsolidazzjoni progressiva u l-formalizzazzjoni ta' l-istrateġiji parteċipatorji għall-iżvilupp. Il-parteċipazzjoni hija inkluża b'mod espliċitu fost il-prinċipji tal-kooperazzjoni ta' bejn il-PAK u l-UE u tinkludi medda wiesgħa ta' partijiet interessati. Ir-reviżjoni riċenti tal-Ftehim ta' Cotonou tipprovdi l-opportunità għal tisħiħ ulterjuri ta' din l-istrateġija, l-ewwel nett billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għoti tal-fondi fuq il-bażi tad-djalogu ta' l-ipprogrammar u t-tieni nett billi tiġi estiża din l-istrateġija għall-awtoritajiet legali[4]. Hemm ukoll xejra ġenerali fil-kooperazzjoni tal-KE ma' ragruppamenti ġeografiċi oħra, bħalma huma l-Ażja, l-Amerika Latina u l-pajjiżi tal-Viċinat, lejn parteċipazzjoni miżjuda mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili inkluż l-involviment tagħhom fid-djalogi tal-politika[5]. Għalhekk il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili hija parti integrali tal-mod normali ta' ħimda tal-KE.

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat timmira li tibni partenarjat privileġġjat mal-pajjiżi ġirien, filwaqt li tressaqhom eqreb ta' l-Unjoni u toffrilhom interess fis-suq intern tal-Komunità flimkien ma' appoġġ għad-djalogu, ir-riforma u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku. Filwaqt li għandha konċentrazzjoni ċara fuq l-integrazzjoni, spiss tinkludi aspetti sinifikanti ta' żvilupp. L-għanijiet tat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp soċjali se jgħinu sabiex jibnu soċjetajiet għanja, ġusti u minħabba f'hekk stabbli f'dawk li fil-biċċa l-kbira huma pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. L-istrumenti li jistgħu jipprovdu għajnuna teknika u finanzjarja sabiex jappoġġjaw din il-politika se jinkludu, meta adattat, l-aqwa prassi ta' l-iżvilupp sabiex tippromwovi ġestjoni u implimentazzjoni effettiva. Strateġiji parteċipatorji huma mingħajr dubju parti minn din "l-aqwa prassi ta' l-iżvilupp".

## 2.3. Esperjenza tal-passat/lezzjonijiet li nkisbu

Il-kofinanzjament ta' l-NGOs mill-UE u l-Programmi Deċentralizzati tal-Kooperazzjoni progressivament ikkonsolidaw l-istrumenti ta' politika ta' l-iżvilupp li huma orjentati lejn il-partijiet u jappoġġjaw id-dritt ta' l-inizjattiva tal-partijiet. L-esperjenza tal-passat (ara - Anness) u l-evalwazzjonijiet u d-diskussjonijiet mal-partijiet differenti involuti joħorġu fil-beraħ li l-potenzjal tal-partenarjat strateġiku bejn il-KE u l-partijiet interessati apparti l-gvernijiet ċentrali jidher li mhuwiex utilizzat biżżejjed. Dan ma jidhirx li huwa marbut mal-qafas tal-politika, iżda huwa fil-biċċa l-kbira dovut għar-rekwiżiti tar-Regolamenti Finanzjarji, u tibdiliet spissi fir-regoli u l-kondizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni Fl-istess waqt, in-numru ta' proposti ppreżentati għall-finanzjament kiber b'mod sinifikanti mingħajr ma kien rifless bi tkabbir simili fir-riżorsi umani tal-Kummissjoni sabiex

---

4 Il-Ftehim Rivedut ta' Cotonou, l-Artikoli 4, 6, 58 u l-Anness IV, l-Artikoli 4 u 15.

5 Ara b'mod partikolari l-Artikolu 43 tad-djalogu politiku u l-ftehimiet tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali u l-Komunità ta' l-Andes.

jittratta dawn il-kwistjonijiet. Bħalissa l-Kummissjoni hija impenjata f'li tesplora strateġiji ġodda għall-proċeduri ta' l-għażla, bil-ħsieb li ttaffi l-piż amministrattiv, filwaqt li tiffoka aħjar is-sejħiet għal proposti u tiffaċilita l-aċċess għall-għoti ta' fondi għall-NGOs iż-żgħar. Il-ħolqien ta' strateġija segmentata u orjentata lejn il-partijiet se tikkontribwixxi għal strateġija innovattiva u aktar sempliċi għall-kofinanzjament ta' dawn il-partijiet.

## 2.4. Il-bażi razzjonali għal strateġija tematika

Minbarra li tappoġġja l-atturi li mhumiex statali madwar il-medda ta' għajnuna umanitarja u l-programmi ta' kooperazzjoni ta' l-iżvilupp (kemm ġeografiċi u kif ukoll tematiċi), jinħtieġ programm tematiku orjentat lejn il-partijiet b'livell adattat ta' riżorsi finanzjarji.

– Fejn il-kooperazzjoni permezz ta' programmi ġeografiċi hija limitata, bħal f'partenarjati diffiċli[6], il-programm se jagħti s-setgħa lill-KE sabiex tibqa' impenjata, sabiex tappoġġja direttament il-popolazzjoni, sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-aċċess ta' l-għajnuna għal servizzi bażiċi, sabiex issaħħaħ il-proċess ta' demokratizzazzjoni u sabiex tiffaċilita l-proċess tal-bini tal-paċi f'qagħdiet bħal dawn. Dan għandu jikkomplementa l-progress magħmul mill-istituzzjonijiet pubbliċi f'dawn l-oqsma.

– Meta jkun hemm kooperazzjoni li taħdem u partenarjat effettiv, l-operat iffinanzjat mill-programm se jikkomplementa u jtejjeb il-programmi ta' kooperazzjoni bbażati fuq il-pajjiż jew ir-reġjun, billi jappoġġja l-partijiet interessati, jintroduċi skemi u strateġiji ġodda, sabiex jintegra aħjar il-prijoritajiet li jaffetwaw bosta oqsma b'mod sħiħ, sabiex jiffaċilita l-parteċipazzjoni mil-livell ta' bażi jew minn grupp speċifiku, sabiex irawwem l-ugwaljanza ta' bejn is-sessi, sabiex jibni kapaċitajiet ġodda f'oqsma ġodda bħalma huma l-kummerċ ġust, l-appoġġ ta' l-ambjent eċċ. Il-programm se jgħin sabiex jibni l-kunfidenza bejn il-partijiet statali u dawk li mhumiex statali, pereżempju f'dak li għandu x'jaqsam mad-diskussjoni tal-politika, il-forniment tas-servizzi bażiċi, eċċ., sabiex jiffaċilita l-integrazzjoni progressiva tagħhom fil-programmi ġeografiċi fejn dan għadu mhuwiex il-każ.

– Il-programm se jgħin sabiex iqajjem kuxjenza pubblika tal-kwistjonijiet ta' l-iżvilupp u jippromwovi l-edukazzjoni għall-iżvilupp fl-UE, sabiex jankra l-politika ta' l-iżvilupp fis-soċjetajiet Ewropej, sabiex jimmobilizza appoġġ tal-pubbliku aqwa fl-UE għall-azzjoni kontra l-faqar u għal relazzjonijiet aktar ġusti bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li għadhom qegħdin jiżviluppaw, u sabiex ibiddel l-attitudnijiet fl-UE lejn kwistjonijiet u diffikultajiet li qegħdin jaffaċjawhom il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u l-popli tagħhom u sabiex jippromwovi d-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni.

---

6 Qagħdiet ta' partenarjat diffiċli huma definiti bħala dawk fejn għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin l-istrumenti tal-kooperazzjoni tas-soltu ma jistgħux jintużaw bis-sħiħ sabiex jappoġġjaw inizjattivi li daħlu għalihom partijiet interessati li mhumiex gvernijiet: (1) pajjiżi fejn il-kooperazzjoni ġiet sospiża, (2) pajjiżi fejn l-awtoritajiet mhumiex marbuta għall-għanijiet ta' tnaqqis tal-faqar u għal prinċipji bażiċi oħra tal-politika ta' l-iżvilupp, inklużi l-amministrazzjoni tajba u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet deċentralizzati, (3) pajjiżi fejn id-djalogu fuq l-istrateġiji parteċipatorji għall-iżviliupp huwa limitat ħafna.

– Il-programm se jappoġġja miżuri li jsaħħu l-koordinazzjoni u l-interazzjoni bejn il-partijiet interessati u ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, sabiex jiffaċilita n-netwerking u l-interazzjoni.

– Il-programm se jkun kapaċi jsostni l-inizjattivi tal-partijiet interessati sabiex jappoġġja l-proċess ta' l-iżvilupp tal-kapaċità fi ħdan il-pajjiż innifsu għall-parteċipazzjoni fid-dibattiti tal-politika u l-forniment tas-servizzi bażiċi (is-saħħa, l-edukazzjoni, ix-xogħol, is-sigurtà, inkluż il-prevenzjoni tal-kunflitt, it-tlestija adattata għall-diżastru, eċċ.) fil-livell lokali fejn il-programmi ġeografiċi ma jistgħux jintużaw jew fejn huma meħtieġa strateġiji innovattivi. Il-kapaċità tiegħu li jinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet pubbliċi u ta' partijiet li mhumiex pubbliċi kemm mill-UE kif ukoll mill-pajjiżi msieħba hija parti mill-valur miżjud tal-programm.

– F'kull lat, il-programm se jappoġġja d-dritt ta' l-inizjattiva tal-partijiet interessati, b'sussidjarjetà għal programmi ġeografiċi, billi jagħti fondi "l-inizjattivi proprji" tagħhom, minflok jiddefinixxi fid-dettal l-attivitajiet li għandhom jiġu appoġġjati bħala "msieħba li jimplimentaw". Minkejja dan, huwa importanti li l-programm jgħin sabiex iżomm konsistenza suffiċjenti ma' l-operat l-ieħor ta' l-iżvilupp appoġġjat mill-KE u l-istrateġji ta' l-iżvilupp tal-pajjiżi msieħba sostnuti mill-programmi ġeografiċi. Il-komplementarjetà bejn dan il-programm tematiku u programmi oħra ffinanzjati mill-KE għandha tkun massimizzata[7].

## 3. IL-PROGRAMM TEMATIKU

### 3.1. Il-firxa

Din il-komunikazzjoni tipprovdi l-orjentazzjonijiet ġenerali ta' politika fuq il-firxa tal-programm. Id-dokument[8] tematiku multiannwali ta' l-istrateġija se jirfina dawn l-orjentazzjonijiet u jidentifika l-prijoritajiet fil-livelli differenti (pajjiżi, tipi ta' interventi, kwistjonijiet relatati mal-partijiet, bħalma huma l-livelli tal-kofinanzjament u l-kondizzjonijiet għall-eliġibilità tal-partijiet pubbliċi) sabiex jiffoka l-programm.

Dan il-programm primarjament se jimmira interventi fil-qasam u primarjament se jkun implimentat fil-pajjiżi u r-reġjuni li qegħdin jiżviluppaw fejn il-programmi ġeografiċi ma jipprovdu l-ebda appoġġ jew allokazzjoni finanzjarja għal atturi li mhumiex statali u għal awtoritajiet lokali minħabba impenn politiku dgħajjef, jew f'sottoreġjuni li huma 'l barra mill-programm tal-pajjiż, jew f'sitwazzjonijiet ta' partenarjati diffiċli, stati fraġili, qagħdiet ta' wara l-kunflitt, instabilità politika eċċ.

#### *3.1.1. Il-partijiet eliġibbli*

Firxa wiesgħa ta' partijiet li ma jagħmlux profitt mill-UE u minn pajjiżi msieħba se jkunu eliġibbli għall-għoti tal-fondi taħt dan il-programm. Huma mistennija li jkunu kapaċi jimmobilizzaw iċ-ċittadini għall-iżvilupp, li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni, li

---

[7] Għall-għanijiet ta' dan id-dokument, il-konsistenza għandha tinftiehem bħala li tfisser li operat ma jnaqqasx l-effettività jew l-impatt ta' ieħor (fl-istess qasam jew f'qasam ieħor); komplemetarjetà tirreferi għal diviżjoni tal-ħidma bbażata fuq il-valur miżjud ta' kull wieħed mill-partijiet.

[8] L-Artikoli relevanti tad-DCECI u l-ENPI.

joperaw f'mod trasparenti u f'mod li jinżammu responsabbli għal dak li jwettqu u li jagħtu prova tal-kompetenzi speċifiċi tagħhom.

It-tipi kollha ta' partijiet mhux statali, inklużi l-NGOs, it-trejdjunjins, il-gruppi ta' l-appoġġ ambjentali, l-universitajiet u l-fondazzjonijiet ta' politika eċċ jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju taħt dan il-programm. Minbarra hekk, l-awtoritajiet lokali jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet f'kuntesti speċifiċi, fejn il-valur miżjud tagħhom jista jiġi stabbilit, u fejn dawn l-attivitajiet ma jistgħux jitwettqu taħt il-programmi ġeografiċi.

Din l-istrateġija wiesgħa ħafna orjentata lejn il-partijiet se tkun irfinuta fid-Dokument ta' l-Istrateġija Tematika. B'mod aktar preċiż il-kriterji ta' eliġibilità għall-partijiet differenti jistgħu jiġu definiti skond il-valur miżjud, il-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet speċifiċi rispettivi tagħhom (inkluż fil-livell finanzjarju) sabiex jiġu implimentati l-prijoritajiet fid-dokument ta' l-istrateġija tematika. Skond il-prijoritajiet għall-intervent, jew id-dokument ta' l-istrateġija tematika jew inkella d-dokumenti tiegħu ta' implimentazzjoni jistgħu jispeċifikaw il-modalitajiet għall-aċċess għall-għoti tal-fondi mill-partijiet differenti (persentaġġ ta' kofinanzjament, tip ta' azzjonijiet, eċċ). Se tittieħed f'kunsiderazzjoni li l-partijiet jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għall-għoti ta' fondi taħt programmi oħra ffinanzjati mill-KE.

*3.1.2. It-tipi eliġibbli ta' interventi*

Il-programm tematiku se jirrispetta d-dritt ta' l-inizjattiva tal-partijiet eliġibbli billi jipprovdihom b'għajnuna finanzjarja sabiex jimplimentaw tliet tipi ta' interventi:

– Il-biċċa l-kbira ta' l-allokazzjonijiet finanzjarji se jappoġġjaw interventi fil-pajjiżi u r-reġjuni li qegħdin jiżviluppaw li (1) isaħħu l-iżvilupp parteċipatorju (2) jappoġġjaw il-proċessi ta' l-iżvilupp tal-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati fil-livell ta' pajjiż jew ta' reġjun (3) jippromwovu l-proċessi ta' fehma reċiproka. Dan it-tip ta' intervent se jinkludi, fejn adattat, azzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar ta' l-impenn attiv taċ-ċittadini fil-proċessi ta' l-iżvilupp u lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom sabiex jieħdu azzjoni;

– il-ħolqien ta' l-għarfien u l-edukazzjoni għall-iżvilupp fl-UE u l-pajjiżi li jinsabu fi triqithom lejn l-adeżjoni;

– il-koordinazzjoni u l-komunikazzjoni bejn is-soċjetà ċivili u n-netwerks ta' l-awtorità lokali fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn it-tipi differenti tal-partijiet interessati li huma attivi fid-dibattitu pubbliku Ewropew dwar l-iżvilupp.

Id-Dokument multiannwali ta' l-Istrateġija Tematika se jiddefinixxi prijoritajiet aktar iddettaljati għall-azzjoni f'dawn l-oqsma differenti filwaqt li jieħu f'kunsiderazzjoni l-programmi ġeografiċi iżda mingħajr ma jipprovdi qafas li jkun riġidu ħafna, sabiex jirrispetta id-dritt ta' l-inizjattiva tal-partijiet billi jappoġġja l-inizjattivi tagħhom stess.

Dawn it-tipi kollha ta' azzjoni jistgħu jiġu implimentati f'wieħed mill-pajjiżi jew aktar, fil-livell reġjonali jew madwar ir-reġjuni kollha. Kollha kemm huma jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' appoġġ lil proġetti individwali.

### *3.1.3. Il-kopertura ġeografika*

B'konformità ma' "il-konsensus Ewropew fuq l-Iżvilupp", interventi fil-pajjiżi kollha li qegħdin jiżviluppaw, hekk kif definiti fil-lista ta' benefiċjarji ta' l-Għajnuna Uffiċjali ta' l-Iżvilupp (ODA), se jkunu eliġibbli għall-għoti ta' fondi taħt dan il-programm tematiku[9]. Dawn il-pajjiżi huma koperti mid-DCECI u l-ENPI.

Il-kriterji ġenerali għall-eliġibilità tal-pajjiżi se tkun irfinuta aktar fid-dokument multi-annwali ta' l-istrateġija tematika. Dan jista' jinkludi kriterji sabiex jidentifika l-pajjiżi u r-reġjuni ta' prijorità.

L-istati Membri ta' l-UE u l-pajjiżi li jinsabu fi triqithom lejn l-adeżjoni se jkunu inklużi biss fil-firxa ġeografika tal-programm tematiku għal interventi fl-oqsma ta' ħolqien ta' għarfien u edukazzjoni għall-iżvilupp u għall-attivitajiet ta' koordinazzjoni.

## 3.2. Il-Prinċipji ta' programmar

Dokumenti ta' Strateġija Tematika (dokumenti ta' programmazzjoni) fuq erba' snin (2007-2010) u, imbagħad, tliet snin (2011-2013) se jiġu deċiżi mill-Kummissjoni li ssegwi l-proċeduri tal-Komitoloġija. Dawn se jiddefinixxu f'aktar dettal il-kriterji għall-għażla ta' pajjiżi u reġjuni ta' prijorità flimkien ma' prijortajiet għall-azzjoni. Il-partijiet interessanti l-aktar relevanti se jkunu involuti kif adattat fil-fażijiet differenti taċ-ċiklu ta' l-ipprogrammar.

Fuq il-bażi ta' dan l-ipprogrammar multi-annwali, il-Kummissjoni għandha tipproduċi programmi ta' azzjoni għal kull sena li jistabbilixxu l-azzjonijiet ta' prijorità li għandhom jiġu appoġġjati, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija kif ukoll l-ammonti indikattivi.

Fir-rigward tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu, se titwettaq evalwazzjoni ta' l-operat matul l-ewwel perjodu ta' tliet snin (2007-2009) sabiex tikkontribwixxi għat-tħejjija tat-tieni Dokument ta' Strateġija Tematika (2011-2013). Ir-rapporti se jintbagħtu lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew u jiġu diskussi magħhom.

Il-programm se jkun implimentat skond ir-Riforma 2000 tal-Ġestjoni ta' l-Għajnuna Esterna li tipprevedi, *inter alia*, id-dekonċentrazzjoni tar-responsabilitajiet ta' ġestjoni lid-delegazzjonijiet fejn adattat. Barra minn dan f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-NGOs, il-Kummissjoni se tadotta definizzjoni ta' l-NGO li hija mifruxa fuq il-Kummissjoni kollha u se toħloq bażi tad-*data* ta' l-għerf, sabiex tippermetti s-servizzi tal-Kummissjoni fil-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet, aċċess ħafif għat-tagħrif kwantitattiv u kwalitattiv dwar kwalunkwe NGO partner tal-Komunità.

Sabiex tiżgura koerenza ġeografika bejn l-eżerċizzji varji ta' l-ipprogrammar, id-Dokument ta' l-Istrateġija Tematika se janalizza l-appoġġ ipprovdut lil interventi ta' firxa simili taħt programmi ġeografiċi u tematiċi, iżda wkoll taħt linji oħra ta' baġit amministrati mill-KE. L-istess analiżi għandha titwettaq, kemm jista' jkunm għal

[9] Il-lista ta' benefiċjarji ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) hija mistennija li tkun deċiża mill-OECD/DAC f'April 2006. Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, id-dokument Nru 14820/05, 22 ta' Novembru 2005.

interventi appoġġjati mill-Istati Membri u donaturi oħra. Dokumenti ta' l-Istrateġija tal-Pajjiż u tar-Reġjun f'pajjiżi u f'reġjuni interessati għandhom jieħdu dan f'kunsiderazzjoni u jipprovdu stampa komprensiva ta' l-istrumenti u l-programmi finanzjarji kollha.

### 3.3. L-Għanijiet

Il-programm huwa primarjament strument tal-politika ta' l-iżvilupp. Kemm l-għanijiet ġenerali tiegħu kif ukoll dawk ta' kull tip eliġibbli ta' azzjoni huma konsistenti mad-dikjarazzjoni ġdida fuq il-politika ta' l-iżvilupp ta' l-UE, "Il-Konsensus Ewropew fuq l-Iżvilupp"[10]. L-għan primarju u globali fil-qerda tal-faqar fil-kuntest ta' l-iżvilupp sostenibbli, inkluż l-insegwiment ta' l-Għanijiet tal-Millenju ta' l-Iżvilupp. Għanijiet oħra ewlenin (kif definiti fil-Konsensus Ewropew) jinkludu l-amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tal-bniedem li huma kwistjonijiet li jaffetwaw bosta oqsma li għandhom jiġu nnormalizzati fl-interventi fil-pajjiżi partners. It-tipi differenti ta' interventi għandhom jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet kif ġej:

– Interventi f'pajjiżi u f'reġjuni msieħba se jippromwovu soċjetà inklussiva u msawra bis-setgħa. L-għanijiet se jkunu li (1)jiġu favoriti popolazzjonijiet li jinsabu 'l bogħod mis-servizzi u r-riżorsi ewlenin u li huma esklużi mill-proċessi tat-tfassil ta' politika, (2) tissaħħaħ il-kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba, bil-ħsieb li titħaffef il-parteċipazzjoni tagħhom fil-munment li jiġu ddefiniti u implimentati l-istrateġji ta' l-iżvilupp sostenibbli, (3) titħaffef l-interazzjoni bejn il-partijiet statali u ldawk li mhumiex statali fil-kuntesti differenti. Se tingħata attenzjoni għall-identifikar u l-immirar ta' partijiet minn gruppi partikolarment marġinalizzati u vulnerabbli. L-interventi jistgħu jinkludu wkoll attivitajiet immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità taċ-ċittadini li jieħdu azzjoni, jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jieħdu sehem fid-dibattitu politiku fil-livell lokali, nazzjonali u internazjonali.

– Il-ħolqien ta' l-għarfien u l-edukazzjoni għall-attivitajiet ta' l-iżvilupp fl-UE u fil-pajjiżi li jinsabu fi triqthom lejn l-adeżjoni jimmira li jżid il-livell ta' l-għarfien tal-poplazzjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet ta' l-iżvilupp. Jimmobilizzaw appoġġ pubbliku attiv fl-Ewropa għat-tnaqqis tal-faqar u strateġiji ta' l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi msieħba, għal relazzjonijiet aktar ġusti bejn pajjiżi żviluppati u dawk li qegħdin jiżviluppaw, u jsaħħu r-rwol tas-soċjetà ċivili bħala fattur tal-progress u t-trasformazzjoni.

– L-attivitajiet ta' Koordinazzjoni bejn in-netwerks tas-soċjetà ċivili, fi ħdan l-organizzazzjonijie tagħhom u flimkien ma' l-istituzzjonijiet, jimmiraw lejn li jiksbu kooperazzjoni aktar effiċjenti, billi jrawmu s-sinerġiji u jiżguraw djalogu strutturat. Il-koordinazzjoni se tgħin sabiex iżżid il-kredibilità, il-viżibilità u l-influwenza tal-partijiet interessati.

### 3.4. Il-Prijoritajiet

Jistgħu jiġu identifikati l-prijoritajiet ġenerali li ġejjin sabiex il-programm tematiku jikseb l-għanijiet tiegħu:

---

[10] Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, id-dokument Nru 14820/05, 22 ta' Novembru 2005.

- Titħaffef il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati f'sitwazzjonijiet li mhumiex favorevoli bħal ma huma partenarjati diffiċli, qagħdiet li mhumiex stabbli, kunflitt, ebda status għal partijiet tas-soċjetà ċivili, amministrazzjoni batuta, eċċ.

- Tissaħħaħ il-proċessi ta' l-iżvilupp tal-kapaċità u jitħeġġeġ aktar żvilupp parteċipatorju fil-pajjiżi u r-reġjuni msieħba.

- Jiġu promossi l-inizjattivi intrakonfinali u reġjonali sabiex jikkomplementaw il-programmi ġeografiċi u jippromwovu r-rabtiet u l-alleanzi bejn il-partijiet interessati.

- Jitrawmu partenarjati ta' kwalità bejn il-partijiet interessati differenti mill-UE u l-pajjiżi msieħba.

- Jiġu appoġġjati inizjattivi li jsaħħu l-bini tal-kapaċità ta' l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u min iħaddimhom, jiġi promoss it-twaqqif ta' mekkaniżmi u strutturi ta' djalogu soċjali u jiġi ppropagat aktar ħelsien ta' l-imsieħba soċjali f'sitwazzjonijiet li mhumiex favorevoli.

- Jitħaffef l-impenn attiv taċ-ċittadini parmess tal-ħolqien ta' l-għarfien u l-edukazzjoni għall-iżvilupp, il-promozzjoni u l-kampanji.

- Titrawwem koerenza għall-iżvilupp fil-qasam ta' l-edukazzjoni, u billi t-tfal u ż-żgħażagħ jingħataw aċċess għall-edukazzjoni għall-iżvilupp.

- Jissaħħu strutturi għad-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati u sabiex jaqsmu t-tagħrif bejniethom, billi jiġu promossi t-tiswir ta' kuntatti u l-iskambji ta' l-aqwa prassi u r-relazzjonijiet Tramuntana Nofsinhar u Nofsinhar Nofsinhar.

# ANNESS

## ANNEX - SUMMARY OF PAST EXPERIENCE

Different types of stakeholders (non-state actors and local authorities) other than central governments both from the EU and partner countries are eligible for funding under thematic and geographic programmes. They are expected to be able to mobilize citizens for development, to address the needs of the population, to operate in a transparent and accountable manner and to prove their specific competencies. These actors implement their own initiatives, but also act as "implementing partners" for pre-defined thematic and geographic priorities. Eligibility in this context has been limited to non-profit making activities and this criterion should be upheld. Profit making activities should not be eligible for funding under the programme since other specific instruments are available for them.

Civil society organisations and networks from the EU, particularly development NGOs, have been involved for years in regular policy dialogue and consultation within the EU. Their initiatives and interventions, funded by the EC, have shown NGOs' added value both in the EU and in partner countries, by contributing to development policy objectives and supporting capacity development processes. Supporting NGOs has brought innovative approaches and partnerships in civil society to the development process. Compared to public institutions, NGOs are in a better position to reach and give voice to the grassroots. Their capacity to work and effectively deliver even in the most difficult environments, as well as their ability to mobilise EU constituencies in support of development policy issues, are also part of their contribution to the development process. The European Parliament has underscored the specific and irreplaceable role and the utility and effectiveness of NGOs' development activities, stressing their crucial work in favour of disadvantaged groups in the developing countries, the need to maintain their freedom of action, and the essential role they play in promoting human rights and grassroots democratisation[11].

More recently, economic and social partners and interest groups have emerged in the process, very actively and constructively supported by the European Economic and Social Committee and by local and regional authorities from the EU, with the progressive involvement of the Committee of the Regions, plus other actors, such as political foundations and universities, and their respective networks. Although their access to EC funding and involvement in programme implementation have been limited so far, they advocate specific and differentiated issues that are relevant to the development agenda and participate in development policy dialogues and consultations both in the EU and partner countries.

In addition to geographical programmes and humanitarian assistance, different actors have access to a number of thematic budget lines (EIDHR, food security, environment and tropical forests, anti-personnel mines, gender, and health) and to the Rapid Reaction Mechanism. Among these various instruments, the NGO co-financing budget line,

---

[11] Resolution of 14 May 1992 on the role of NGOs in development cooperation (OJ C 150, 15.6.1992).

created in 1976, best symbolises the partnership between the EU and NGOs on development cooperation. Its size has gradually increased, from EUR 2.5 million to EUR 200 million a year. Since 1979, 10% of the total allocation has supported awareness raising and development education interventions.

Since 1998, the legal basis for the NGO cofinancing budget line is Council Regulation (EC) 1658/98. It fosters quality partnerships for development objectives between NGOs from the EU and civil society organizations in developing countries, so that the budget line preserves the right of initiative in developing countries and allows active participation by European citizens in the development process. Under the Regulation, the budget line cofinances with European NGOs: (i) operations aimed at meeting the basic needs of the poorest sections of the population in developing countries, (ii) schemes to raise European public awareness of development issues in developing countries, in particular relations between developing and developed countries, (iii) measures to strengthen cooperation and coordination between NGOs in the Member States and between such NGOs and Community institutions. The Commission evaluated the instrument after three years, i.e., in mid-2001.[12]

Since the EU's enlargement to ten new member states on 1 May 2004, NGOs from new Member States have had access to funding under the budget line. In addition, awareness raising and development education interventions in and involving NGOs from the new Member States have become a strategic priority in this field. NGOs from new Member States have encountered certain difficulties in obtaining financial support for their initiatives, mainly for reasons linked to their sometimes limited management capacity and knowledge of procedures. With a view to strengthening cooperation and supporting information-sharing among EU NGOs, projects such as TRIALOG and DEEEP have been set up.

The Decentralised Cooperation budget line aims at similar objectives. Following the conclusions of 2003 external evaluation[13], carried out before the relevant legal basis was extended[14], it was decided that operations and initiatives supported under this heading would be targeted on situations of difficult partnerships and that Delegations would manage these activities, through calls for proposals adjusted to the situation of the country concerned. In order to ensure flexibility, priority was given to supporting decentralised cooperation actors' own initiatives. Compared to NGO cofinancing, the decentralised cooperation budget line involves much less financial resources (around EUR 6 million a year), is not limited to NGOs from the EU, but open to all types of civil society organisations and local authorities from both partner countries and the EU, and provides financial support to interventions in the field. Finally, its focus is on situations involving difficult partnership, when other instruments cannot be used, and the management is the responsibility of EC Delegations in selected countries.

---

12 Report 12/2000 – ref. 951568.

13 Communication from the Commission to the Council and the European Parliament: Overall assessment of the operations financed by the Community under the Regulation on decentralized cooperation, COM (2003) 412 final, 11.07.2003.

14 Regulation (EC) No 1659/98 on decentralised cooperation, amended and extended by Regulations (EC) No 955/2002 and (EC) No 625/2004 of the European Parliament and of the Council.

In the light of past experience, the different evaluations and discussions with the different parties involved, the potential of the strategic partnership between the EC and stakeholders other than central governments appears to be under-utilised. In this context:

– Project cycle management is considered to be heavily dominated by the selection process (which has become increasingly complex, particularly with the introduction of calls for proposals) and has neglected project monitoring, which has been reduced to monitoring contract and budget issues.

– The selection process has been primarily conceived to rationalise the workload created by the huge amount of proposals received every year as well as to ensure equal treatment and transparency. Strategic policy considerations have not completely been integrated in this process. The process is mainly based on the analysis made of the proposals by independent experts, without giving enough importance to the overall policy priorities decided by the Commission.

– Timeframes in the decision-making process, from the call for proposals to the financial decision, are considered to be too long, which jeopardizes the relevance of the initiative and generates frustration amongst applicants. More generally, the timing, stability and predictability of the calls for proposals should be improved.

– The formal requirements currently applied in calls for proposals represent a substantial administrative burden for the applicants and for Commission staff.

– The different abilities, needs, constraints and sizes of various types of actor should ideally be reflected in the conception of strategies and the selection process (e.g. by using local languages for calls for proposals or for information, and putting in place different kinds and sizes of funding mechanisms according to the capacity and needs of each type of stakeholder).

– Evaluation reports presented by grant beneficiaries should not only describe the activities carried out but also show clearly what effects the intervention has had on targeted populations and beneficiaries.

– The role of the Delegations is considered to be too low-key. They should play the most important part in the selection process and be in charge not just of project monitoring but of raising the awareness of the local population and providing it with information.

– Some modifications of existing rules may be necessary to ensure better involvement of actors from new Member States. They may encounter certain difficulties in obtaining financial support for their initiatives, mainly for reasons linked to their sometimes limited management capacity and knowledge of procedures.

The Commission is currently engaged in exploring new approaches to selection procedures, with a view to both reducing the administrative burden and facilitating access to funding for small NGOs.